MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2010

Numru. 526/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**Vs**

**Ronnie Farrugia ta' 28 sena, bin Joseph u l-mejta Maria nee` Borg, imwieled il-Pieta` fis-7 ta' Gunju, 1981, li joqghod fil-font: Flt. Nru. 4, Block Nru 4, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara u detentur tal-kjarta ta' l-identita` bin-numru: 0288781(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Ronnie Farrugia li gie akkuzat:

A) Billi huwa akkuzat talli, fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Marzu, 2010 u l- t'April, 2010, ghal habta tal-11.30 ta' bil-lejl, filwaqt li kien fil-klabb tar-regatta tal-Kalkara, li jinsab fi

Triq ix-Xatt, il-Kalkara, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' Richard Vella, mill-Kalkara, f'periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi, permezz ta' flixkun, kif iccertifikat minn Dr. Jesmond Cassar M.D. (Warrant Mediku bin-numru: 1906), it-tabib tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, liema ferita iggib debulizza permanenti fis-sahha jew f'xi parti mill-funzjoni tal-gisem u fir-ras tal-vittma.

B) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqtli kien fi Triq ix-Xatt, gewwa l-Kalkara u aktar tard, gewwa l-Ghassa ta' Bormla, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-kuntistabbli tal-Pulizija 1335 Duncan Schembri u ufficjali ohra tal-Pulizija, bhala persuni ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabha li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza' jkew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak iz-servizz.

C) Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq ix-Xatt, gewwa l-Kalkara, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

D) Talli fl-istess data, hin u lok, hebb kontra l-persuna ta' Richard Vella jew ghamel hsara lill-istess.

E) Talli fl-istess data, hin u lok, ingurja u hedded lil Richard Vella.

F) Talli fl-istess data hin u lok qal fil-pubbliku kliem oxxen u ndicenti.

G) Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament kiser il-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema imputazzjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni mghamulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfornt tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat u l-fedina penali nadifa tieghu, izda ma tistax tinjora l-fatt li minhabba l-bluha tal-mument il-vittma ta' dan ir-reat spiccat bi sfregju f'wiccu u dan intortament. Inoltre l-imputat ukoll ostakola lill-pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom illi din il-Qorti tikkundanna bis-shih Madanakollu fid-dawl tal-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali nadifa l-Qorti ser tghatih opportunita oha sabiex ma jergax ixellef dufrejh mal-pulizija.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 216 (1)(b), 95, 338(ee), 338(bb), 339(1)(d)(e), 17(h), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' sena prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommettu reat iehor matul il-prjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta that garanzija personali ta' elf euro (€1000) qed torbot lill-hati li jzomm il-kwiet u l-bon ordni fil-konfront ta' Richard Vella.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------